KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
MAZÁK
ippreżentati fit-22 ta' Marzu 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-Repubblika Taljana naqset li twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart [2], kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE [3] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 75/442" jew id-"Direttiva"), billi

— adottat struzzjonijiet operazzjonali li huma validi għat-territorju nazzjonali kollu, stabbiliti b'mod partikolari fiċ-ċirkulari tal-Ministeru għall-Ambjent tat-28 ta' Lulju 1998 u ċ-ċirkulari tal-Ministeru għas-Saħħa tat-22 ta' Lulju 2002, li jeskludu mill-ambitu tar-regoli fuq l-iskart prodotti ta' l-ikel mormija mill-industrija agroalimentari li huma intiżi għall-produzzjoni ta' għalf għall-annimali; u

— eskludiet, permezz ta' l-Artikolu 23 tal-Liġi Nru 179 tal-31 ta' Lulju 2002, mill-ambitu tar-regoli fuq l-iskart fdal mill-preparazzjoni fi kċejjen tat-tipi kollha ta' ikel solidu msajjar jew nej, li ma daħlux fil-katina ta' tqassim u li huma intiżi għal faċilitajiet ta' kenn għal annimali domestiċi.

2. Din hija kawża oħra mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-kunċett Komunitarju ta' skart. Ladarba ma teżistix, u lanqas tista' teżisti, definizzjoni komprensiva ta'

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — ĠU L 194, p. 39.
3 — ĠU L 78, p. 32.

skart u ladarba, għaldaqstant, il-kwistjoni jekk sustanza partikolari hijiex skart għandha tiġi stabbilita fuq bażi individwali fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja żgur se jkollha oppurtunitajiet suffiċjenti sabiex tirrifletti fuq it-tifsira ta' dan it-terminu.

"'skart' għandu jfisser kull sustanza jew oġġett fil-kategoriji ddikjarati fl-Anness I li l-possessur jarmi jew ikun beħsiebu jew ikun imġiegħel li jarmi.

3. Din il-kawża hija konnessa mill-qrib mal-Kawża C-194/05 — li dwarha ser ser nagħti wkoll il-konklużjonijiet tiegħi llum — inkwantu ż-żewġ kawżi jqajmu l-kwistjoni dwar il-miżura u ċ-ċirkustanzi li fihom sustanza intiża għal ċerti operazzjonijiet ta' użu mill-ġdid tista' titqies li ma taqax taħt id-definizzjoni ta' skart fis-sens tad-Direttiva. Għaldaqstant, iż-żewġ każijiet jikkonċernaw id-distinzjoni li għandha ssir bejn irkupru ta' skart u t-trattament industrijali normali ta' prodott, jew — iktar preċiżament — prodott sekondarju, li mhuwiex skart.

Il-Kummissjoni, hija u tagħixxi b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 18, għandha tfassal, mhux iktar tard mill-1 ta' April 1993, lista ta' l-iskartijiet li jappartjienu għall-kategoriji mniżżla fil-lista fl-Anness I. Din il-lista trid tiġi riveduta perjodikament u, jekk meħtieġ, riveduta bl-istess proċedura".

II — Il-kuntest legali

L-Anness I tad-Direttiva 75/442, intitolat "Il-Kategoriji ta' L-Iskart", jinkludi, fil-kategorija Q14, "[i]Il-prodotti li għalihom il-pussessur ma jkollux iktar użu (p.e. l-iskart mill-biedja, mid-djar, mill-uffiċċji, mill-kummerċ u mill-ħwienet, eċċ.)" u, fil-kategorija Q16 "[k]ull materjal, sustanza jew prodott li ma jkunux inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq".

A — *Id-Direttiva 75/442*

4. L-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 75/442 jipprovdi kif ġej:

5. Il-lista preżenti ta' l-iskart, adottatta mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 1(a) tad-

Direttiva 75/442 [4], tirrferi fil-Kapitlu 2 (wieħed mill-Kapitoli li jelenka sorsi li jiġġeneraw skart) għal "Skart minn produzzjoni primarja agrikola, ortikulturali, tal-kaċċa, tas-sajd u akwakulturali, kif ukoll mill-preparazzjoni u ta' proċessar ta' ikel".

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

6. Fl-Italja, ir-rimi ta' l-iskart huwa rregolat mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 22, tal-5 ta' Frar 1997 [5] (iktar 'il quddiem id-"DL 22/97").

7. L-Artikolu 6(1)(a) tad-DL 22/97 jiddefinixxi l-kunċett ta' skart kif ġej:

"Għall-għanijiet ta' dan id-digriet:

a) 'skart' ifisser kull sustanza jew oġġett li jaqa' taħt il-kategoriji indikati fl-Anness 1 li l-possessur jarmi jew ikun meħtieġ li jarmi".

8. L-Artikolu 8(1) tad-DL 22/97 jeskludi ċerti sustanzi jew materjali mill-kamp ta' applikazzjoni tad-digriet, safejn huma rregolati minn leġiżlazzjoni speċifika, fosthom, taħt il-punt (ċ), "karkassi ta' annimali u l-iskart agrikolu li ġej minn: ħmieġ ta' l-annimali u sustanzi naturali mhux perikoluži oħra użati fil-biedja".

9. L-Artikolu 23 tal-Liġi Nru 179, tal-31 ta' Lulju 2002 (iktar 'il quddiem il-"Liġi 179") daħħlet punt ġdid (ċ-a) fl-Artikolu 8(1) tal-LD 22/97. Skond dan, is-sustanzi li ġejjin, li huma mniżżla f'dak il-punt, huma b'mod partikolari esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Digriet:

"ir-residwu u l-ikel żejjed li ġej mill-preparazzjoni fi kċejjen ta' ikel solidu ta' kull tip, imsajjar jew nej, li ma daħalx fis-sistema ta' tqassim, intiż għal faċilitajiet ta' kenn għal annimali domestiċi kif imsemmija mil-Liġi Nru 281 ta' l-14 ta' Awwissu 1991 kif emendata iktar tard, skond il-leġizlazzjoni fid-seħħ".

10. Iċ-ċirkulari Nru 3402/V/IMIN tal-Ministeru ta' l-Ambjent, tat-28 ta' Ġunju

4 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, tat-3 ta' Mejju 2000, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU 2000, L 226, p. 3) (il-"Katalgu Ewropew ta' l-Iskart" jew "KEI").

5 — GURI Nru 38 tal-15 ta' Frar 1997, Suppliment Ordinarju Nru 33.

1999 (iktar 'il quddiem iċ-"ċirkulari ta' Ġunju 1999") tiddefinixxi l-kelma "skart" li tinsab fl-Artikolu 6 tal-liġi Nru 22/97 b'mod iktar preċiż u tgħid fil-punt (b) ta' l-aħħar paragrafu tagħha li:

"il-matarjali, is-sustanzi u l-oġġetti li ġejjin minn ċikli produttivi jew ta' konsum minn qabel, li ma jiġux mormija mid-detentur tagħhom, li mhuwiex obbligat li jarmi u li mhux behsiebu jarmi u li għaldaqstant, id-detentur ma jagħtix għas-sistemi ta' ġbir jew ta' trasport ta' l-iskart, ta' immaniġġjar ta' l-iskart sabiex ikun hemm rkupru jew rimi, huma suġġetti għar-regoli ta' materja prima, mhux għas-sistema ta' l-iskart, sakemm ikollhom il-karatteristiċi ta' materja prima sekondarja kif imsemmi fid-digriet Ministerjali tal-5 ta' Frar 1998 u sakemm huma intiżi direttament b'mod oġġettiv u ġenwin għal użu f'ċiklu ta' produzzjoni".

11. Barra minn hekk, din iċ-ċirkulari Ministerjali tgħid fil-punt (ċ) ta' l-aħħar paragrafu tagħha

"oġġetti ta' konsum li ma jintremewx mid-detentur, li mhuwiex obbligat li jarmi u li mhux beħsiebu jarmi m'għandhomx ikunu suġġetti għas-sistema ta' skart, inkwantu jkunu jistgħu jintużaw għall-għan oriġinali tagħhom u jiġu użati b'dan il-mod".

12. Dispożizzjonijiet oħrajn dwar id-definizzjoni tal-kelma skart imsemmija fid-DL Nru 22/97 ġew imdaħħla bl-Artikolu 14 tad-digriet leġiżlattiv Nru 138 tat-8 ta' Lulju 2002, li sar il-liġi Nru 178 tat-8 ta' Awwissu 2002 (iktar 'il quddiem il-"Liġi 178"). Barra minn hekk, linji gwida relatati ġew imfassla fiċ-ċirkulari tal-Ministeru tas-Saħħa tat-22 ta' Lulju 2002 (iktar 'il quddiem iċ-"ċirkulari ta' l-2002").

13. Iċ-ċirkulari ta' l-2002 tgħid, fost l-oħrajn:

"Sakemm ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' iġjene jiġu sodisfatti, materjali u prodotti sekondarji li ġejjin mill-ipproċessar fl-industrija agroalimentari huma "materja prima għal għalf" fejn il-produttur jixtieq jużahom fiċ-ċiklu ta' l-ikel żootekniku.

F'każ bħal dan, dawn il-materjali mhumiex suġġetti għal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, iżda għad-dispożizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-marketing ta' għalf u, fil-każ ta' prodotti li ġejjin minn annimali, għal-leġiżlazzjoni tas-saħħa rilevanti li hija fis-seħħ.

[...]

Fin-nuqqas tal-garanziji msemmija [fil-punt preċedenti] rigward id-destinazzjoni effettiva tagħhom għall-għalf għall-annimali, il-materjali u l-prodotti sekondarji li ġejjin miċ-ċiklu produttiv u kummerċjali ta' l-industrija agroalimentari għandhom jiġu suġġetti għas-sistema legali dwar l-iskart."

III — Il-proċedura prekontenżjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. Permezz ta' ittri tal-11 u tad-19 ta' Ġunju 2001, tat-28 ta' Awwissu 2001, tas-6 ta' Novembru 2001 u ta' l-10 ta' April 2002, l-awtoritajiet Taljani wieġbu għall-ittra ta' intimazzjoni li l-Kummissjoni bagħtet lill-Italja fit-22 ta' Ottubru 1999 u għall-opinjoni mmotivata tal-11 ta' April 2001. F'dawn id-dokumenti, il-Kummisjoni sostniet li, billi adottat struzzjonijiet operazzjonali vinkolanti rigward l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Taljana fuq l-iskart li kienu jeskludu ċertu fdal ta' l-ikel u ikel żejjed — li ġej mill-industrija agroalimenatari, minn *canteens* u minn ristoranti u intiżi għall-għalf ta' l-annimali mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fuq l-iskart, ir-Repubblika Taljana kisret id-Direttiva 75/442.

15. Fid-dawl ta' l-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Taljani, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-adattament tal-leġiżlazzjoni Taljana għar-rekwiżiti ta' l-opinjoni motivata kien jeħtieġ bdil fil-forma pjuttost milli bdil sostanzjali.

16. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet Taljani fid-19 ta' Diċembru 2002, u dawn ta' l-aħħar ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwarha b'ittra tat-13 ta' Frar 2003. Imbagħad il-Kummissjoni ħarġet, fil-11 ta' Lulju 2003, opinjoni mmotivata ġdida u tat lill-Italja terminu ta' xahrejn sabiex tikkonforma ruħha magħha.

17. Peress li, b'ittra ta' l-4 ta' Novembru 2003, l-awtoritajiet Taljani baqgħu jikkontestaw il-validità ta' l-argument tal-Kummissjoni, din ta' l-aħħar ressqet dan ir-rikors permezz ta' applikazzjoni ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Mejju 2005.

IV — Analiżi tal-ksur allegat

A — *L-argumenti prinċipali tal-partijiet*

18. Bl-ilment tagħha, li huwa maqsum f'żewġ partijiet, il-Kummissjoni essenzjalment ssostni li l-leġiżlazzjoni Taljana dwar

l-iskart teskludi *a priori* ċertu skart ta' ikel mill-ambitu tagħha fuq il-bażi ta' ċerti suppożizzjonijiet. B'hekk, taħt il-liġi Taljana, ċerti materjali li ġejjin minn proċess ta' produzzjoni mhumiex meqjusa bħala skart għalkemm huma għandhom jitqiesu bħala skart, skond applikazzjoni korretta tal-kunċett — kunċett li għandu jingħata jinftiehem f'sens wiesa' — skond l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

19. L-ilment jirreferi l-ewwel nett għall-fatt li ċerti struzzjonijiet ministerjali effettivament jeskludu mis-sistema ta' regoli dwar l-iskart ikel mormi mill-industrija agroalimentari li huwa intiż għall-produzzjoni ta' l-għalf. Skond dawn l-istruzzjonijiet, biżżejjed li dan il-fdal ikun intiż għall-produzzjoni ta' għalf skond kif muri mill-volontà manifesta tad-detentur u li jkollu ċerti karatteristiċi sabiex jiġi eskluż b'mod permanenti mis-sistema ta' l-iskart.

20. Madankollu, skond il-Kummissjoni, il-fatt li fdal ta' produzzjoni jista' jerġa' jintuża mingħajr ipproċessar minn qabel ma jistax jitqies li jipprekludi lill-produttur/lid-detentur milli jarmih jew milli jkollu l-ħsieb jew l-obbligu li jarmih.

21. Il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikolari li, skond ġurisprudenza stabbilita, materjali jew materja prima li jirriżultaw minn proċess ta' manifattura jew ta' estrazzjoni, li l-għan prinċipali tiegħu mhuwiex il-produzzjoni ta' dan l-oġġett, jistgħu jitqiesu mhux bħala skart iżda bħala prodotti sekondarji li d-detentur ma jixtieqx jarmihom fissens tad-Direttiva 75/442 biss jekk l-użu tagħhom mill-ġdid ikun ċert, mingħajr ipproċessar minn qabel, u parti integrali mill-proċess ta' produzzjoni [6].

22. Għaldaqstant għandha tiġi evalwata l-probabbiltà li materjal jerġa' jintuża u, fuq kollox, għandu jiġi stabbilit jekk huwa għandux jerġa' jintuża fl-istess proċess ta' produzzjoni. Il-fatt li l-fdal ta' l-ikel huwa ttrasferit mill-produttur ta' l-ikel lill-utent ta' dak il-fdal jippresupponi serje ta' tranżazzjonijiet li sservi ta' prova ta' l-eżistenza ta' numru ta' proċessi differenti, li d-direttiva hija intiża speċifikatament li tikkontrolla.

23. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li l-liġi Nru 178 teskludi wkoll mis-sistema Taljana dwar l-iskart il-fdal ta' produzzjoni, meta huwa jew jista' jerġa' jiġi użat fl-istess ċiklu ta' produzzjoni jew f'ċiklu ieħor.

24. B'risposta għall-argument tal-gvern Taljan li l-iskart in kwistjoni huwa kopert minn numru ta' regolamenti Taljani fuq l-ikel, il-

6 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' April 2002, Palin Granit u Vehmassalon kansanterveystyön kuntayhtymän hallitus (C-9/00, Ġabra p. I-3533, iktar 'il quddiem is-"sentenza Palin Granit"), u tal-11 ta' Novembru 2004, Niselli (C-457/02, Ġabra p. I-10853).

Kummissjoni tenfasizza li ebda wieħed minn dawn ir-regolamenti m'għandu l-għan li jħares l-ambjent, peress li huma jirreferu biss għall-ħarsien tas-saħħa pubblika. Huma lanqas ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu kkunsidrati bħala "leġiżlazzjoni oħra" fis-sens ta' l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 75/442.

25. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkontesta l-fatt li l-Artikolu 23 tal-Liġi 179 għandu l-effett li jeskludi mill-ambitu tal-leġiżlazzjoni Taljan dwar l-iskart, kif tinsab fil-DL 22/97, fdal ta' l-ikel u ikel żejjed li ġej mill-preparazzjoni fil-kċejjen ta' ikel solidu ta' kull tip, imsajjar u nej, li ma daħlux fis-sistema ta' tqassim u li huma intiżi għal faċilitajiet ta' kenn għal annimali domestiċi. Il-Kummissjoni ssostni li b'dan il-mod l-Artikolu 23 tal-Liġi 179 jestendi l-esklużjoni għal materjali li ma jistgħux jiġu esklużi awtomatikament mid-definizzjoni ta' skart kif prevista mid-direttiva.

26. Il-Kummissjoni tiċħad l-argument tal-gvern Taljan li jekk l-interpretazzjoni suġġerita mill-Kummissjoni kellha tiġi applikata, hija twassal għal żjieda fil-produzzjoni u r-rimi ta' l-iskart ta' l-ikel billi timpedixxi l-użu mill-ġdid ta' oġġetti ta' l-ikel in kwistjoni. Skond il-Kummissjoni, il-problema relatata man-neċessità li l-ikel jiġi ttrasportat f'vettura awtorizzata għall-iskart inħolqot mil-liġi Taljana.

27. Il-gvern Taljan isostni li, sakemm ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' iġjene rilevanti jiġu sodisfatti, materjali u prodotti sekondarji li ġejjin minn iproċessar fl-industrija agroalimentari huma "materja prima għall-għalf" f'każijiet fejn il-produttur għandu l-intenzjoni li jużahom fiċ-ċiklu żootekniku ta' l-ikel. Din l-intenzjoni, flimkien maċ-ċertezza li dawn il-prodotti sekondarji ser jerġgħu jintużaw mingħajr il-bżonn ta' proċessar minn qabel — jew suġġett biss għall-ipproċessar previst fil-leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali fis-seħħ — tikkostitwixxi prova suffiċjenti li l-produttur jew id-detentur mhuwiex beħsiebu jeħles mill-materjal in kwistjoni.

28. Fil-fehma tal-gvern Taljan, f'din il-kawża mhijiex kwistjoni ta' esklużjoni *"a priori"*, peress li din l-esklużjoni fil-fatt hija suġġetta, mhux biss fuq l-intenzjoni manifesta tad-detentur li juża l-materja prima in kwistjoni fiċ-ċiklu żootekniku ta' l-ikel, iżda wkoll fuq l-użu mill-ġdid ċert tal-prodotti sekondarji.

29. Il-gvern Taljan jenfasizza li l-materjali in kwistjoni huma suġġetti mhux għal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, iżda għad-dispożizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-kummerċjaliz-

zazzjoni ta' l-għalf. F'dan ir-rigward, il-gvern Taljan jirreferi għal diversi Regolamenti Komunitarji u nazzjonali [7]. Dawn ir-regolamenti dwar l-ikel huma intiżi, bħad-direttiva, sabiex jikkontrollaw operazzjonijiet ta' ħażna, ta' proċessar u ta' transport u, billi jiggarantixxu ħarsien xieraq tas-saħħa, huma tali li jħarsu l-ambjent. B'mod partikolari, ir-regoli nazzjonali dwar l-oġġetti ta' l-ikel u l-għalf jippermettu li jiġu rintraċċjati prodotti u materja prima għall-għalf mill-metodu ta' produzzjoni u matul l-istadji kollha ta' trasport.

30. Barra minn dan, il-gvern Taljan jenfasizza li, kuntrarjament għall-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-kunċett ta' skart, il-katina ta' produzzjoni in kwistjoni tikkostitwixxi fil-fatt proċess wieħed ta' produzzjoni. F'dan ir-rigward, huwa jirreferi għall-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li huwa possibbli li sustanza ma titqiesx bħala skart fis-sens tad-Direttiva 75/442 jekk huwa ċert li hija tintuża sabiex tissodisfa l-bżonnijiet ta' operaturi ekonomiċi barra mill-operatur li pproduċiha [8].

31. Il-gvern Taljan isostni li, paradossalment, l-applikazzjoni ta' l-approċċ tal-Kummissjoni jkollha bħala konsegwenza l-prevenzjoni ta' l-użu ta' prodotti sekondarji ta' l-ikel fil-produzzjoni ta' l-għalf għar-raġuni li, taħt il-leġiżlazzjoni Taljana, ma jistgħux jiġu kkunsinjati f'postijiet użati għall-produzzjoni ta' għalf, preċiżament għaliex ikunu ġew ittrasportati f'vettura awtorizzata għall-iskart. B'hekk, l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni żżid il-produzzjoni u r-rimi ta' skart ta' l-ikel billi timpedixxi l-użu mill-ġdid tagħhom bħala oġġetti ta' l-ikel.

32. Rigward it-tieni parti ta' l-ilment tal-Kummissjoni, il-gvern Taljan isostni li d-detentur jew il-prodottur għandu juri lill-awtoritajiet kompetenti– billi jġib provi ta' l-użu effettiv intiż, bħall-kuntratt konkluż bejn

7 — B'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU L 31, p. 1); ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' Ottubru 2002, li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 273, p. 1) u d-dispożizzjonijiet ta' l-HACCP ("analiżi tal-periklu u punti kritiċi ta' kontroll") stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel (ĠU L 139, p. 1); ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, p. 55); u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman (ĠU L 139, p. 206); ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Jannar 2005, li jistabbilixxi l-ħtiġiet għall-iġjene ta' l-għalf (ĠU L 35, p. 1); u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali (ĠU L 165, p. 1).

8 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-416/02, Ġabra p. I-7487; u C-121/03, Ġabra p. I-7569).

id-detentur u l-utent tal-materjali jew, jekk ikun il-każ, dokumenti fiskali, — li l-intenzjoni tiegħu mhijiex li jarmi l-fdal ta' porzjonijiet jew ikel żejjed, iżda li jerġa' jużahom bil-mod awtorizzat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, id-destinazzjoni effettiva tal-prodotti sekondarji hija ggarantita mir-regoli tas-sigurtà ta' l-oġġetti ta' l-ikel u ta' l-għalf.

33. Fl-aħħar nett, il-gvern Taljan jenfasizza li din il-kawża tirrigwarda effettivament ikel żejjed u mhux "fdal" ta' produzzjoni.

35. In-nuqqas ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u l-gvern Taljan jirrigwarda kemm l-interpretazzjoni korretta tad-definizzjoni tal-kunċett ta' 'skart' fid-Direttiva nfisha kif ukoll il-kwistjoni jekk, fir-rigward tas-sustanzi in kwistjoni f'din il-kawża, il-leġiżlazzjoni Taljana hijiex konformi ma' din id-definizzjoni. Għalhekk, fl-ewwel lok ser nispjega b'mod ġenerali l-kwistjoni ta' l-interpetazzjoni tal-kelma 'skart' sabiex neżamina, imbagħad, jekk l-ilment tal-Kummissjoni f'dawn il-proċeduri bbażat fuq il-ksur tad-Direttiva huwiex fondat.

B — *Evalwazzjoni*

1. Osservazzjonijiet preliminari fuq id-definizzjoni tal-kunċett ta' skart fid-Direttiva 75/442 kif ġie ppreċiżat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

34. L-oġġezzjoni tal-Kummissjoni kontra l-leġiżlazzjoni Taljana dwar l-iskart — kif għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' numru ta' struzzjonijiet ministerjali — hija essenzjalment li hija tipprovdi eżenzjoni ġenerali wisq mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha fil-każ ta' ċerti sustanzi, jiġifieri oġġetti ta' l-ikel mormija mill-industrija agroalimentari u fdal/ikel żejjed mill-preparazzjoni ta' l-ikel

36. Il-problema marbuta ma' kull tentattiv ta' definizzjoni tal-kelma 'skart' tqum mill-fatt li dan huwa kunċett relattiv ħafna. B'mod ġenerali, nistgħu nqisu bħala "skart" sustanzi jew materjali li ma rridux iktar għaliex huma tilfu l-utilità tagħhom, jew, b'mod iktar ġenerali, il-valur tagħhom jew għaliex qatt ma kellhom valur għalina għal xi raġuni.

F'kull każ, peress li l-valur ta' materjali jew ta' oġġetti mhuwiex 'intrinsiku' għalihom iżda qiegħed, biex ngħidu hekk, f'għajnejn l-osservatur, fil-prattika ma teżisti l-ebda sustanza li ġeneralament u fiċ-ċirkustanzi kollha tista' tiġi kkunsidrata bħala skart.

37. In-natura suġġettiva tiegħu tidher ukoll mill-mod kif id-Direttiva 75/442 tibni d-definizzjoni tagħha tal-kunċett ta' skart, inkwantu hija tiddefinixxi skart bħala "kull sustanza jew oġġett fil-kategoriji ddikjarati fl-Anness I *li l-possessur jarmi jew ikun beħsiebu jew ikun imġiegħel li jarmi*" (enfażi miżjuda).

38. Għaldaqstant huwa l-fatt li d-detentur jarmi, jew għandu l-intenzjoni jew l-obbligu li jarmi ċerti sustanzi jew oġġetti li jagħtihom in-natura ta' skart, peress li huwa mifhum li ebda materjal ma huwa minnu nnifsu skart. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbiliet li l-Anness I tad-Direttiva 75/442 u l-Katalgu Ewropew ta' l-Iskart jippreċiżaw u jispjegaw din id-definizzjoni billi jagħtu listi ta' sustanzi u ta' oġġetti li jistgħu jiġi kklassifikati bħala skart; madankollu dawn il-listi ma jistabbilixxux b'mod deċiżiv li sustanza speċifika tikkostitwixxi skart fis-sens tad-Direttiva [9].

39. Fl-istess sens, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-implementazzjoni ta' operazzjoni msemmija fl-Anness II A jew Anness II B tad-Direttiva ma tippermettix, minnha nnifisha, li sustanza jew oġġett jiġi kklassifikat bħala skart, u min-naħa l-oħra, li l-kunċettt ta' skart ma jeskludix sustanzi jew oġġetti li għandhom valur kummerċjali jew li huma kapaċi għal użu ekonomiku mill-ġdid [10]

40. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tal-kelma "skart" tiddependi fl-aħħar mill-aħħar fuq it-tifsira tal-kelma "jarmi" [11], li għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' l-għan tad-Direttiva, jiġifieri l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent mill-effetti dannużi kkawżati mill-ġbir, it-trasport, l-ipproċessar, il-ħażna u d-depożitu ta' l-iskart, kif ukoll ta' l-Artikolu 174(2) KE, li jipprovdi li l-politika tal-Komunità fuq l-ambjent timmira għal livell għoli ta' ħarsien u hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' azzjoni preventiva. Barra minn dan, minn dawn l-għanijiet jirriżulta li l-kunċett ta' skart ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv [12].

41. Huwa ovvju li sabiex jiġi stabbilit ir-rimi mid-detentur, jew intenzjoni korrispondenti

9 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 22.

10 — *Ibid*, punti 27 u 29.

11 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 22, u Il-Kummissjoni vs Spanja, (C-121/03) iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 57.

12 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 22 u 23, u Niselli, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 33.

tad-detentur, mhuwiex possibbli, għal skopijiet legali, li jsir użu mill-"volontà effettiva" tad-detentur jew li ssir referenza għaddikjarazzjonijiet tiegħu rigward l-intenzjonijiet tiegħu [13]. Bil-kontra ta' dan, il-kwistjoni jekk sustanza speċifika hijiex skart għandha tiġi eżaminata fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha, billi jittieħed in kunsiderazzjoni l-għan tad-Direttiva 75/442 imsemmi iktar 'il fuq u l-bżonn li jiġi assigurat li ma ssirx ħsara għall-effettività tagħha [14].

42. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet numru ta' kriterji u indikazzjonijiet li minnhom tista' tiġi dedotta l-intenzjoni tad-detentur [15]. B'dan il-mod, madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żvelat ukoll in-natura ġenwinament "skolastika" tal-kunċett ta' skart inkwantu, għalkemm iċ-ċirkustanzi li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi jistgħu jindikaw li d-detentur ħeles minn sustanza jew oġġett, jew għandu l-intenzjoni jew l-obbligu li jeħles minnhom fis-sens tad-Direttiva, minnhom infushom huma mhumiex deċiżivi sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' skart [16].

43. Fl-aħħar nett, għalhekk, id-deskrizzjoni ta' sustanza jew ta' oġġett bħala skart hija kwistjoni ta' prova indizzjarja. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppruvat, fil-ġurisprudenza tagħha, tiddefinixxi ċ-ċikustanzi fejn huwa leġittimu li jiġi preżunt li teżisti intenzjoni ta' rimi fi ħdan id-detentur.

44. Intenzjoni bħal din hija partikolarment diffiċli sabiex tiġi stabbilita fil-każijiet fejn il-prodotti, il-materjali jew il-materja prima li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni jew ta' estrazzjoni, b'xi mod, jiġu użati mill-ġdid fi proċess sussegwenti. Bħala regola ġenerali, dawn il-materjali jistgħu jiġi kkunsidrati bħala fdal ta' produzzjoni li wara jiġu rkuprati bħala skart permezz ta' użu mill-ġdid fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) u ta' l-Anness II B tad-Direttiva, jew bħala prodotti ġenwini li mhumiex skart u li huma suġġetti għal trattament industrijali normali [17].

45. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li sustanza użata hija fdal ta' produzzjoni — jiġifieri, prodott li mhuwiex imfittex prinċipalment bħala tali mill-produttur — jikkostitwixxi, bħala regola, indizju

13 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Alber fil-Kawża ARCO Chemie Nederland *et* (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2000, C-418/97 u C-419/97, Ġabra 2000, p. I-4475, punt 59).

14 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 24.

15 — *Ibid*, punt 25.

16 — Ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, id-digriet tal-15 ta' Jannar 2004, Saetti u Frediani (C-235/02, Ġabra p. I-1005, punt 40).

17 — Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie (C-129/96, Ġabra p. I-7411, punt 33).

li d-detentur ta' din is-sustanza ħeles minnha jew għandu l-intenzjoni li jeħles minnha [18]. L-istess evalwazzjoni għandha ssir fir-rigward tal-fdal tal-konsum [19].

46. Madankollu, skond ġurisprudenza stabbilita, huwa wkoll ammissibbli li jingħad li oġġetti, materjali jew materja prima li ġejjin minn proċess ta' produzzjoni jew ta' estrazzjoni li mhuwiex intiż prinċipalment sabiex jippruduċi dawn l-oġġetti jistgħu jikkostitwixxu mhux fdal iżda prodotti sekondarji li l-impriża ma tixtieqx "tarmi", fis-sens ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 75/442, iżda li hija beħsiebha tisfrutta jew tikkummerċjalizza taħt kundizzjonijiet li huma ta' vantaġġ għaliha, fi proċess sussegwenti, mingħajr ipproċessar minn qabel [20].

47. B'kunsiderazzjoni ta' l-obbligu li tinterpeta l-kunċett ta' skart b'mod wiesa' sabiex tillimita l-effetti mhux mixtieqa jew dannużi, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat l-użu ta' din l-argumentazzjoni fir-rigward ta' prodotti sekondarji għal sitwazzjonijiet li fihom l-użu mill-ġdid ta' l-oġġetti, materjali jew materja prima mhuwiex sempliċement possibbiltà iżda ċertezza, mingħajr ipproċessar minn qabel u bħala parti integrali mill-proċess ta' produzzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk kkunsidrat il-livell ta' probabbiltà li s-sustanza in kwistjoni tiġi użata mill-ġdid bħala kriterju rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk is-sustanza hijiex skart [21].

48. Sabiex tispjega l-implikazzjonijiet ta' dan il-metodu, għandhom jiġu mfakkra l-kawżi l-iktar rilevanti f'dan ir-rigward.

49. Fis-sentenza AvestaPolaritChrome, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn fdal minn minjieri li huwa użat mingħajr ipproċessar minn qabel fil-proċess ta' produzzjoni sabiex jiġi assigurat il-mili meħtieġ tal-mini taħt l-art, minn naħa, u l-fdal l-ieħor, min-naħa l-oħra. Meta kklassifikat l-fdal ta' l-ewwel bħala prodotti sekondarji li d-detentur ma jarmix jew m'għandux l-intenzjoni li jarmi, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-importanza tal-fatt li l-mili tal-mini taħt l-art kien pass meħtieġ fil-proċess industrijali effettiv ta' minjieri u li d-detentur ta' dan il-fdal għaldaqstant kellu bżonnu għall-attività prinċipali tiegħu [22].

50. Fid-digriet Saetti u Frediani, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li kokk ta' żejt mhux raffinat li huwa prodott intezjonalment, jew

18 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi ARCO Chemie Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 3 u 84, u Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 32.

19 — Ara s-sentenza Niselli, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 43.

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-121/03), iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 58.

21 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet Saetti u Frediani, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 36, u s-sentenza Niselli, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 45 u 46.

22 — Is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2003 (C-114/01 Ġabra I-8725, punti 35 sa 37).

li jirriżulta mill-produzzjoni simultanja ta' sustanzi kombustibbli taż-żejt mhux raffinat oħrajn, f'raffinerija taż-żejt u li jiġu użati b'ċertezza bħala kombustibbli għall-bżonnijiet ta' enerġija tar-raffinerija u dawk ta' industriji oħrajn ma jikostitwixxix skart skond id-Direttiva 75/442 [23]. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-produzzjoni ta' kokk hija r-riżultat ta' għażla teknika, speċifikament intiż għal użu bħala karburant [24].

51. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet fil-kawżi C-416/01 u C-121/03 li demel tal-bhejjem jista' ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' skart jekk jintuża bħala fertilizzant għall-ħamrija fil-kuntest ta' prassi legali ta' fertilizzazzjoni ta' artijiet identifikati b'mod ċar u jekk il-ħażna tiegħu hija ristretta għall-bżonnijiet ta' dawn l-operazzjonijiet ta' fertilizzazzjoni [25]. F'dawn il-każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet milll-fatt li, skond l-inkartament tal-kawża, id-demel likwidu huwa użat bħala fertilizzant agrikolu, li l-operatur tar-razzett mhux qed ifittex li jarmih [26].

52. Il-karatteristika prinċipali komuni f'dawn il-kawżi hija l-eżistenza ta' indizji marbuta maċ-ċirkustanzi bażi li jissuġġerixxu li l-materjal in kwistjoni jirrapreżenta għad-detentur vantaġġ jew valur ekonomiku pjuttost milli piż li huwa jrid jeħles minnu, f'termini tan-neċessità jew almenu utilità tal-prodott għall-attività prinċipali, kemm jekk huwa per eżempju bħala materjal għall-mili, fertilizzant jew karburant sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet ta' enerġija ta' raffinerija [27].

53. Għandu jiġi osservat, f'dan il-kuntest, li l-ġurisprudenza teżiġi li prodotti sekondarji jerġgħu jintużaw bħala parti mill-proċess kontinwu ta' produzzjoni jew ta' użu [28].

54. Madankollu, fil-kawżi Saetti u Frediani u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-416/02 u C-121/03), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, filwaqt li kkonfermat dan ir-rekwiżit, li huwa possibbli għal sustanza li ma tiġix ikkunsidrata bħala skart jekk ikun ċert li hija tintuża għall-bżonnijiet ta' operaturi ekonomiċi oħra barra l-operatur li jipproduċiha [29]. Għaldaqstant jidher li, sabiex jiġi stabbilit ir-rekwiżit ta' ċertezza ta' użu mill-ġdid, huwa essenzjali

23 — Digriet iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 47.

24 — *Ibid*, punt 45.

25 — Is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitati iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 8), punti 89 u 60, rispettivament.

26 — *Ibid*, punti 94 u 65, rispettivament.

27 — Fis-sentenza Palin Granit, min-naħa l-oħra, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeskriviet fdal ta' ġebel li ġej minn qtugħ ta' ġebel minn barriera bħala fdal ta' estrazzjoni u għalhekk bħala skart, hija enfasizzat li l-operazzjonijiet ta' ħażna fit-tul jikkostitwixxu piż għad-detentur u potenzjalment huma l-kawża ta' tniġġis ta' l-ambjent li d-direttiva għandha preċiżament l-għan li tnaqqas. Ara s-sentenza Palin Granit, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 38 u 39.

28 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari s-sentenzi Niselli, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 47 u 52, u Il-Kummissjoni vs Spanja (C-416/02, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 87).

29 — Id-Digriet Saetti u Frediani, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16; is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Spanja, (C-416/02) iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 90; u Il-Kummissjoni vs Spanja, (C-121/03) iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 61. Fil-kawża Saetti u Frediani, il-kokk kien użat bħala kombustibbli fil-proċess tra' produzzjoni sabiex jiġġenera l-elettriku u l-elettriku żejjed li rriżulta nbiegħ lil industriji oħrajn jew lil kumpannija ta' l-elettriku. F'dawn iż-żewġ kawżi ta' l-aħħar, id-demel tal-bhejjem ġie mifrux mill-bidwi fuq art li ma kinitx parti mill-istess razzett li ġġenera d-demel.

li s-sustanza terġa tiġi użata mid-detentur tagħha bħala parti minn proċess kontinwu ta' produzzjoni mingħajr ipproċessar minn qabel, iżda mhux neċessarjament li terġa' tintuża — bħal fis-sentenza AvestaPolaritChrome [30], per eżempju — sabiex tissodisfa l-bżonnijiet tal-produttur innifsu.

55. Huwa minnu li fil-prattika jista' jirriżulta diffiċli li jiġu ddefiniti l-limiti tal-kunċetti ta' "proċess kontinwu" ta' produzzjoni u ta' użu. Madankollu fl-aħħar nett, nirrepeti, wara dawn il-kunċetti tqum il-kwistjoni jekk jeżistix ħjiel li d-detentur beħsiebu jisfrutta jew jikkummerċjalizza s-sustanza in kwistjoni taħt kundizzjonijiet ta' vantaġġ għalih fi proċess li jiġi wara l-produzzjoni ta' dik is-sustanza, b'tali mod li jirrapreżenta valur ekonomiku għalih, pjuttost milli piż li huwa jrid jeħles minnu.

2. L-eżistenza tal-ksur allegat

56. Rigward il-materjali in kwistjoni f'din il-kawża, jidhirli, l-ewwel nett, li taħt eżami iktar dettaljat, mhux l-oġġetti ta' l-ikel kollha in kwistjoni jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "fdal ta' produzzjoni". Fdal ta' l-ikel mill-industrija agro-alimnetari, minn canteens jew minn ristoranti jikkostitwixxu b'mod ċar, almenu parzjalment, fdal tal-konsum, jiġifieri fdal li, bħala tali, ma jirriżultax minn proċess ta' manifattura jew produzzjoni, iżda jirriżultaw mill-fatt li l-prodott primarju ma ġiex ikkonsmat kollu kemm hu. Dan ir-raġunament huwa b'mod partikolari validu fejn l-Artikolu 23 tal-Liġi 179 jirreferi għal "żejjed" li ġej minn preparazzjoni ta' ikel fi kċejjen.

57. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat fis-sentenza Niselli li l-analiżi dwar il-prodotti sekondarji li d-detentur tagħhom ma jixtieqx jarmihom "ma tapplikax fir-rigward tal-fdalijiet minn konsum li ma jistgħux jitqiesu bħala 'prodotti sekondarji' ta' proċess ta' fabrikazzjoni jew ta' estrazzjoni li jistgħu jiġu użati mill-ġdid bħala parti integrali mill-proċess ta' produzzjoni" [31].

58. Għaldaqstant insibha diffiċli, mill-bidu, li nikkunsidra dawn il-materjali bħala "prodotti sekondarji" ta' proċess ta' fabrikazzjoni jew ta' estrazzjoni.

59. F'kull każ, kemm jekk il-fdal ta' l-ikel in kwistjoni huwa fdal tal-konsum jew, jekk ikun il-każ, rimi tal-kċina "klassiku", jibqa' l-fatt, li kif jidher mill-kontenut ta' l-inkarta-

30 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22.

31 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 48.

ment, dan il-fdal jirriżulta mill-preparazzjoni ta' ikel — jew ta' ikel lest — għall-konsum uman. Dan il-fdal huwa mbagħad użat sabiex jiġi prodott għalf jew direttament sabiex jiġu mitmugħa annimali f'faċilitajiet ta' kenn għal annimali domestiċi.

60. Naqbel mal-Kummissjoni li din is-sitwazzjoni għandha tiġi distinta mis-sitwazzjonijiet deskritti iktar 'il fuq [32], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat l-analiżi li materjal li ġej minn proċess ta' fabbrikazzjoni jew ta' estrazzjoni huwa prodott sekondarju li d-detentur m'għandux l-intenzjoni li jarmi.

61. Huwa ċar li, b'mod ġenerali, ma jistax jiġi sostnut li l-fdal ta' l-ikel in kwistjoni huwa intiż bħala tali, jew almenu bħala prodott sekondarju, jew li huwa b'xi mod meħtieġ jew utli għall-attività prinċipali, li tikkonsisti prinċipalment fil-produzzjoni u l-preparazzjoni ta' ikel għall-konsum uman.

62. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħi ma jistax jiġi dedott awtomatikament mill-fatt li d-derogi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Taljana in kwistjoni jirrigwardaw fdal ta' l-ikel jew ikel żejjed li jerġgħu jintużaw — anki fuq bażi kuntrattwali –bħala għalf jew sabiex jipproduċu għalf li d-detentur jikkumerċjalizza dawn is-sustanzi bħala "materja prima għal għalf" taħt kundizzjonijiet li huma vantaġġjużi għalih. Fil-fatt, mhuwiex ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali jew mill-inkartament li l-vantaġġ ta' l-użu mill-ġdid jikkonsisti f'iktar mill-fatt li d-detentur b'hekk jista' jeħles mis-sustanzi in kwistjoni.

63. B'mod iktar realistiku, għaldaqstant, l-analiżi l-iktar adattata hija, fil-fehma tiegħi, li f'ċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża, bħala regola ġenerali, id-detentur ta' fdal ta' l-ikel jarmih jew għandu l-intenzjoni li jarmih, u li sussegwentement dan il-fdal jiġi rkuprat bħala skart permezz ta' riċiklaġġ jew użu mill-ġdid fis-sens ta' l-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 75/442. Jista' jingħad ukoll li l-Anness II B tad-direttiva li jelenka l-operazzjonijiet ta' rkupru isemmi fost l-oħrajn riċiklaġġ u rkupru ta' sustanzi organiċi.

64. Din l-analiżi tidher ukoll li hija iktar konsistenti ma' l-obbligu ta' interpretazzjoni wiesa' tal-kunċett ta' skart taħt id-direttiva [33].

32 — Ara iktar 'il fuq, punti 49 sa 52.

33 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Niselli, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 45.

65. F'kull każ, anki jekk f'ċerti każijiet il-fdal ta' l-ikel imsemmi mill-istruzzjonijiet ministerjali u mill-Artikolu 23 tal-Liġi 179 għandu jitqies bħala prodott sekondarju pjuttost milli sustanzi li d-detentur jarmi jew għandu l-intenzjoni li jarmi, jibqa' l-fatt li — hekk kif sostniet il-Kummissjoni — ma jistax jiġi preżunt b'mod ġenerali u *a priori* li dan huwa l-każ.

66. Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-leġiżlazzjoni Taljan fuq l-iskart twassal għall-esklużjoni mill-klassifika ta' skart il-fdal ta' produzzjoni jew ta' konsum li, madankollu, jaqa' taħt il-kunċett ta' "skart" hekk kif huwa ddefinit fid-Direttiva 75/442.

67. Safejn id-derogi fil-liġi Taljana rigward il-fdal ta' l-ikel intiż sabiex jiġi użat mill-ġdid jammontaw għal preżunzjoni li dawn il-materjali mhumiex skart fis-sens tad-Direttiva, għandu jiġi osservat li l-effikaċja ta' l-Artikolu 174 tat-Trattat u tad-direttiva tiġi kompromessa jekk il-leġiżlatur nazzjonali juża metodi ta' prova, bħal preżunzjonijiet legali, li għandhom l-effett li inaqqsu l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva u li ma jkoprux materjali, sustanzi jew prodotti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' skart fis-sens tad-direttiva [34].

68. Il-gvern Taljan sostna, minbarra dan, li l-fdal ta' l-ikel intiż sabiex jerġa jiġi użat għall-produzzjoni jew għall-preparazzjoni ta' l-għalf huwa diġà kopert b'numru ta' dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali, u ta' dritt Komunitarj rigward is-sigurtà ta' l-ikel u rigward il-produzzjoni u l-marketing ta' għalf [35].

69. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li dan il-fdal jista' jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 75/442 jekk huwa jaqa' taħt waħda mill-kategoriji ta' skart imsemmija fl-Artikolu 2(1) tad-direttiva.

70. Fil-fehma tiegħi, dan mhuwiex il-każ. Fost il-materjali msemmija f'din id-dispożizzjoni, dawk li jixbhu l-iktar fdal ta' l-ikel in kwistjoni huma "karkassi ta' annimali" imsemmija fil-punt (b)(iii). Iżda anki jekk il-fdal ta' l-ikel in kwistjoni jinkludi sustanzi li ġejjin minn annimali, ma jistax jiġi sostnut b'mod serju li huwa jikkostitwixxi "karkassi" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

34 — Ara f'dan is-sens ARCO Chemie Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 42.

35 — Ara iktar 'il fuq, punt 29 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 7.

71. It-tieni nett, għandu jiġi mfakkar li, skond ġurisprudenza stabbilita, l-espressjoni "liġijiet oħra" fis-sens ta' l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 75/442 tirreferi għal liġijiet Komunitarji jew nazzjonali safejn dawn il-liġijiet jirrigwardaw l-immaniġġjar ta' l-iskart bħala tali u jwasslu għal livell ta' ħarsien ta' l-ambjent li huwa almenu ekwivalenti għal dak mixtieq mid-direttiva [36].

72. Id-diversi regolamenti msemmija mill-gvern Taljan, bil-kontra, m'għandhomx manifestament bħala għan l-immaniġġjar ta' l-iskart bħala tali iżda pjuttost is-sigurtà ta' l-ikel, u b'mod partikolari, ċerti livelli ta' kwalità fil-qasam tall-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' l-għalf. Għaldaqstant, għalkemm l-għanijiet segiwti minn dawn id-dispożizzjonijiet u l-interessi legali mħarsa jistgħu jkopru parzjalment l-istess affarijiet bħad-direttiva, huma jibqgħu kunsiderevolment differenti.

73. Barra minn hekk u preċiżament għal din ir-raġuni, l-applikazzjoni tas-sistema ta' kontroll u ta' ħarsien stabbilita mid-Direttiva 75/442 u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-ikel u l-għalf, fil-fehma tiegħi, ma jeskludux reċiprokament lil xulxin, b'mod ġenerali: bil-kontra, dawn ir-regoli jistgħu jiġu applikati b'mod kumulattiv.

74. Fir-rigward ta' l-argument tal-gvern Taljan li jgħid li l-użu mill-ġdid ta' fdal mill-ikel bħala għalf huwa ostakolat għaliex dan il-fdal għandu jiġi ttrasportat f'vetturi awtorizzati għat-trasport ta' skart li ma jissodisfawx il-livelli meħtieġa ta' iġjene, il-Kumissjoni enfasizzatb ġustament li din il-problema tqum mil-leġiżlazzjoni Taljana, mhux mid-direttiva.

75. Id-direttiva ma teżiġix li l-iskart kollu jiġi ttrasportat mill-istess vetturi; bil-kontra, l-istabbilimenti jew l-impriżi li jiġbru u jittrasportaw l-iskart għandhom jiġu awtorizzati jew irreġistrati u l-operazzjonijiet ta' rimi u ta' rkupru ta' l-iskart għandhom isiru b'mod konformi mad-direttiva. B'mod partikolari, fdal ta' l-ikel jista' jiġi ttrasportat mid-detentur jew mill-produttur preċedenti, jew mill-impriża li tirkupra dan l-iskart, sakemm min jittrasporta jkun irreġistrat jew, jekk ikun il-każ, ikun kiseb awtorizzazzjoni [37].

76. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, nasal għall-konklużjoni li l-ilment tal-Kummissjoni huwa ġġustifikat.

36 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza AvestaPolaritChrome, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 61.

37 — Ara, dwar l-obbligu ta' reġistrazzjoni, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-270/03, Ġabra p. I-5233).

V — Konklużjoni

77. Għaldaqstant nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

"1) Tiddikajra li, billi adottat struzzjonijiet operazzjonali li huma validi għat-territorju nazzjonali kollu, stabbiliti b'mod partikolari fiċ-ċirkulari tal-Ministeru għall-Ambjent tat-28 ta' Lulju 1998 u ċ-ċirkulari tal-Ministeru għas-Saħħa tat-22 ta' Lulju 2002, li jeskludu mill-ambitu tar-regoli fuq l-iskart prodotti ta' l-ikel mormija mill-industrija agroalimentari li huma intiżi għall-produzzjoni ta' għalf għall-annimali u billi eskludiet, permezz ta' l-Artikolu 23 tal-Liġi Nru 179 tal-31 ta' Lulju 2002, mill-ambitu tar-regoli fuq l-iskart fdal mill-preparazzjoni fi kċejjen tat-tipi kollha ta' ikel solidu msajjar jew nej, li ma daħlux fil-katina ta' tqassim u li huma intiżi għal faċilitajiet ta' kenn għal annimali domestiċi, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, fuq l-iskart, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991.

2) Tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż."